**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 260/2006**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Kevin Tanti**
**(ID 562075(M))**

**Illum, 30 ta' Settembru 2020**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Kevin Tanti** ta' 29 sena, iben Anthony u l-mejta Lilian nee` Sawyer, imwieled il-Pieta`, nhar id-9 ta' Novembru 1975, residenti 21, Telgħet Birkirkara, San Ġiljan, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 562075(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar is-26 ta` Awwissu 2005 u fis-snin ta' qabel:

a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta'

Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu personali tiegħu.

b) F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba sabiex titratta mal-imputat Kevin Tanti talli huwa reċidiv b'sentenza datata 15 ta' April 1999 mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, permezz ta' liema sentenza huwa ġie misjub ħati tal-akkużi dedotti kontra tiegħu u ġie kkundannat għaxar snin priġunerija u multa ta' għaxart elef Liri Maltin konvertibbli f'sitt xhur priġunerija, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-8 ta' Frar 2017, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur** (illum Assistent Kummissarju) **Dennis Theuma** jixhed illi fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Awwissu 2005, membri tal-Forzi Armati ta' Malta kienu qegħdin jagħmlu *road block* ta' rutina f'diversi lokalitajiet. Għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' filgħodu (00:30 a.m.), dehret riesqa fid-direzzjoni tas-suldati, vettura tal-għamla Ford Ka, ta' kulur blu bin-numru ta' reġistrazzjoni BLU 021. Malli x-xufier tal-vettura ntebaħ bis-suldati, huwa xeħet borża barra mit-tieqa tal-istess vettura, liema borża ġiet miġbura minn Gunner Mallia (aktar kmieni fix-xhieda tiegħu, l-Ispettur Theuma kien irrefera għalih bħala Gunner 86083 M. Spiteri) u fiha nstabu sitt qratas tal-plastik kontenenti sustanza bajda suspettata kokaina. Saret

ukoll tfittxija fil-vettura in kwistjoni u anke fuq il-persuni tax-xufier, l-imputat odjern u tal-passiġġiera li kienet riekba miegħu, ċertu Alexia Debono u taħt it-tapit tan-naħa tax-xufier, instabu numru ta' pipi tal-*foil*. L-oġġetti kollha elevati ġew mgħoddija lill-pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga u l-imputat ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija nhar id-19 ta' Awwissu 2005.[1] Ix-xhud esebixxa vera kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony sive Twanny Tanti, Lilian Tanti u Kevin Tanti' tal-15 ta' April 1999[2], kif ukoll l-oġġetti elevati fil-lejl in kwistjoni.[3]

2. **Il-Maġġur Ian Ruggier** jgħid illi fit-13 ta' Awwissu għall-ħabta tas-siegħa neqsin għoxrin ta' filgħodu (00:40 a.m.) waqt *road block* li kien qiegħed isir taħt il-pont ta' San Ġiljan, kienet riesqa vettura tal-għamla Ford Ka, lewn blu, bin-numru ta' reġistrazzjoni BLU 021. Jgħid illi malli l-vettura resqet lejn il-*vehicle check point*, wieħed mis-suldati lemaħ lix-xufier jixħet xi ħaġa 'l barra mit-tieqa. Spjega illi r-rwol tiegħu waqt *road block* huwa li jikkoordina l-operazzjoni u spjega wkoll illi waqt *road block* ikun hemm suldat, stazzjonat f'punt li jkun jista' josserva l-vetturi li jkunu resqin. Malli jilmaħ xi moviment ġewwa vettura jew jara xi ħaġa tintrema minn tieqa, dan javża lilu u lit-*traffic sentry* sabiex iwaqqfu l-vettura. Spjega wkoll illi dakinhar, huwa ġie nfurmat li x-xuffier tal-vettura kien qiegħed jagħmel moviment, dar iħares lejn il-vettura u ra lix-xufier ossia lill-imputat odjern, jarmi xi ħaġa mit-tieqa. Dak il-ħin huwa ordna lis-suldat li kien ġibidlu l-attenzjoni għal dan il-moviment sabiex jiġbor l-oġġett li ntrema u waqqaf il-vettura fil-post fejn kien jinsab hu flimkien mas-*sentry*. Jgħid illi fil-frattemp wasal is-suldat bl-oġġett imsemmi, li kien jikkonsisti f'borża tal-plastik trasparenti li kien fiha sitt boroż żgħar li kien fihom trab abjad. Sussegwentement saret tfittxija fil-vettura, fejn instabu biċċiet tal-*foil* mitwijin, li ma jidhirx li kien fihom traċċi ta' droga. Huwa nforma lill-pulizija b'din is-sejba u fuq struzzjonijiet ta' WPS 45 Marisa Bartolo, huwa ta *handover* lil PC 524. Huwa għaraf l-esebit Dok. DT 1, esebit mill-Ispettur Theuma u kkonferma li kien dan li huwa għadda lill-pulizija.[4]

   **In kontro-eżami**, kważi seba' snin wara x-xhieda tiegħu in eżami, l-istess xhud jgħid illi dakinhar tar-*road block* in kwistjoni, huwa kien qiegħed biswit il-kantuniera tat-triq fejn twaqqfet il-vettura, fejn kien hemm l-i*stop sign* u li t-*traffic sentry* kien iżjed 'il fuq minnu. Meta suġġerit lilu illi huwa kien ħdejn it-*traffic sentry*, jgħid illi ma jiftakarx eżatt u illi kellu

---

[1] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 2 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 31 sa 51 tal-proċess.
[3] Ara x-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma a fol. 26 sa 30 tal-proċess u a fol. 60 u 61 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 52 sa 59 tal-proċess.

tendenza li jimxi minn post għall-ieħor. Jgħid illi ġeneralment kien joqgħod f'posizzjoni ċentrali biex ikollu aċċess għall-gruppi kollha fuq il-post u jimxi 'l quddiem jew lura skont il-ħtieġa. Jerġa' jgħid illi ma jiftakarx fejn kien eżattament it-*traffic sentry* għaliex għadda wisq żmien. Ikkonferma li Gunner Spiteri kien qiegħed 'il fuq iżjed minnu, ħdejn is-siġar biex josserva. Jgħid illi dakinhar waqqfu iktar minn karozza waħda għalkemm ma kienx jiftakar il-kwantita`. Jikkonferma li f'dik il-parti tat-triq, it-traffiku kien nieżel bil-mod, għalkemm ma jiftakarx kemm kellu vetturi dak il-ħin, iżda ġeneralment il-vetturi jibqgħu għaddejjin meta jkunu qed jipproċessaw xi vettura. Jgħid illi kien hemm biżżejjed dawl, għalkemm ir-*road block* saret bil-lejl u ma jiftakarx li kien diffiċli għalihom li jaraw x'qed jiġri. Jikkonferma dak suġġerit lilu illi dakinhar ma kienx hu li nnota lill-imputat jarmi xi ħaġa, iżda kien Gunner Spiteri li avżah li ra xi ħaġa tintrema. L-oġġett li ntrema nġabar mit-triq u għaddih lil PS 524 mit-Taqsima ta' Kontra d-Droga.[5]

3. **Is-Supretendent Neil Harrison** ikkonferma illi s-sentenza li ġiet esebita mill-Uffiċjal Prosekutur ingħatat proprju fil-konfront tal-imputat odjern.[6]

4. **SM 45 Marisa Bartolo** xehdet illi fis-26 ta' Awwissu 2005, qabel is-siegħa neqsin kwart ta' filgħodu, ġiet infurmata illi kienu qed isiru xi *road blocks* mill-Forzi Armati fil-viċinanzi ta' San Ġiljan u ġew arrestati xi persuni li setgħu rmew xi sustanza suspettata droga. Stante illi hija dak il-ħin ma setgħetx tmur fuq il-post, talbet lil PS 542 biex imur fuq il-post minflokha u sussegwentement, huwa għaddielha dokument iffirmat mill-Maġġur Ruġġier u l-istess PS 542, flimkien mas-sustanza in kwistjoni, liema sustanza hija għaddietha lill-Ispettur Theuma. Da parti tagħha, hija esebiet id-dokument minnha msemmi.[7]

5. **Gunner 86083 Michael Spiteri** jgħid illi fit-13 ta' Awissu 2005 kien qed isir *road block,* meta lemaħ vettura tal-għamla Ford Ka tal-kulur blu *metallic* tnaqqas il-veloċita` u ntremiet borża. Jgħid ukoll illi "*hareg idejh mill-vettura u remieha*".[8] Huwa nforma lit-*traffic sentry* u niżel jara x'kien fiha u jgħid illi din – b'referenza għall-borża bis-sustanza suspettuża - kienet tinsab f'nofs ta' triq.[9]

   In kontro-eżami, ix-xhud jgħid illi fit-13 ta' Awissu 2005, huwa kien stazzjonat bħala *cut off* waqt *road block* ħdejn il-pont ta' San Ġiljan. Ir-*road block* kien qiegħed isir bil-lejl, meta kien diġa` dlam sewwa. Xehed

---

[5] Ara din ix-xhieda a fol. 122 sa 132 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 63 u 64 tal-proċess.
[7] Ara din ix-xhieda a fol. 65 u 66 tal-proċess u d-dokument esebit a fol. 67 tal-proċess.
[8] A fol. 70 tal-proċess.
[9] Ara din ix-xhieda a fol. 68 sa 71 tal-proċess.

illi hu kien jinsab f'post fil-għoli, waqt illi l-Maġġur Ruggier kien aktar 'l isfel mat-*traffic sentry*. Ir-*road block* kien qabel tibda t-*T-junction* tat-triq sabiex il-vettura li jkunu ġejjin la jmorru naħa u lanqas oħra. Jgħid ukoll illi dak il-ħin kienet nieżla vettura u ma kienx hemm *traffic jam*. Xogħlu kien li jħares lejn il-vetturi li jkunu ġejjin. Dakinhar huwa ra lix-xufier jarmi borża. Jiċħad li kien il-bogħod u jispjega illi mill-pożizzjoni li kien fiha, huwa seta' jara kull moviment fil-vettura. Ma jistax jara x'ikun intrema eżatt u għalhekk huwa jinżel jiċċekkja dak li jintrema. Jispjega wkoll illi huwa jżomm għajnejh fuq l-oġġett mormi u javża lit-*traffic sentry* sabiex iżomm il-karozza sakemm jagħmel il-verifiki tiegħu. Meta ġie suġġerit lilu illi l-imputat kien diġa` telaq mir-*road block* meta ġie mwaqqaf, ix-xhud jgħid illi dan kien impossibbli. Jispjega illi s-sistema tar-*road block* taħdem b'mod li meta l-*cut off* jara xi mossa suspettuża, dan javża lit-*traffic sentry* biex iwaqqaf il-vettura u din ma tiġix rilaxxjata sakemm ma jagħtix il-*go ahead* hu. Jgħid ukoll illi jekk ix-xufier jingħata l-awtorizzazzjoni li jista' jipproċedi dan ma jerġax jiġi msejjaħ lura. Jgħid ukoll illi l-oġġett intrema fit-triq, fil-parti fejn hemm in-niżla, fin-nofs, malli dar il-kantuniera u resaq qrib ir-*road block*. Huwa ġabar il-borża u għaddiha lill-Maġġur Ruggier.[10]

6. **PS 524 Paul Cassar** jgħid illi għall-ħabta tas-26 ta' Awissu 2005 għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' filgħodu (00:30 a.m.) huwa ġie mqabbad mill-Maġġur 45 sabiex jassisti lis-suldati tal-Forzi Armati li kienu sabu xi sustanza suspettata droga waqt *road block* fl-inħawi ta' San Ġiljan. Huwa mar fuq il-post u l-Maġġur Ian Ruggier għaddielu borża tal-plastik li kien fiha sitt pakketti żgħar bit-trab abjad. Huwa ġie muri d-dokument esebit minn SM 45 Marisa Bartolo, ikkonferma l-firma tiegħu fuq l-istess u illi dan kien ingħata lilu mill-Maġġur Ruggier meta għaddielu l-boroż bis-sustanza.[11]

7. Mir-relazzjoni esebita mill-**Ispiżjar Mario Mifsud**[12], maħtur f'dawn il-proċeduri sabiex janalizza s-sustanza esebita in atti, jirriżulta illi huwa ngħata dokument li fih kien hemm borża tal-plastik trasparenti li ġo fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Data 13/08/05, Hin 00:30 hrs, Elevat/i minn GNR 86083 Spiteri & Mayor Ruggier, fil-prezenza ta' Kevin Tanti San Ġiljan 6 sachets cocaine, minn ħdejn BLK 021". F'din il-borża kien hemm tlett biċċiet foil imkebba u sitt boroż żgħar tal-plastik bi trab abjad ġo fihom.

[10] Ara din ix-xhieda a fol. 97 sa 104 tal-proċess.
[11] Ara din ix-xhieda a fol. 72 u 73 tal-proċess.
[12] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 80 tal-proċess; ix-xhieda tal-Ispiżjar Mifsud tinsab a fol. 78 sa 80 tal-proċess.

Dwar dan id-dokument, l-istess espert ikkonkluda illi t-trab abjad fis-sitt boroż żgħar tal-plastik, f'ammont nett totali ta' 3.444 grammi, instabet fihom is-sustanza kokaina. Ċirka 42.8% tat-trab abjad li kien hemm fl-istess boroż kien kokaina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jirriżulta wkoll mill-istess relazzjoni, illi t-trab li fih instabet il-kokaina kellu piż rispettiv ta' 0.201 grammi, 0.641 grammi, 0.641 grammi, 0.637 grammi, 0.695 grammi u 0.629 grammi.

8. **WPS 104 Amanda Xuereb** tikkonferma illi l-istqarrija esebita kienet rilaxxjata mill-imputat odjern.[13]

9. **Alexia Debono** tgħid illi fit-13 ta' Awissu 2005 kienet riekba bħala passiġġier fil-karozza flimkien mal-imputat odjern, meta ltaqgħu ma' *road block*. Quddiemhom kien hemm vetturi oħrajn u stennew sakemm mess lilhom. Tgħid ukoll illi s-suldati daru dawra mal-vettura li kienu rekbin fiha u tawhom permess biex jibqgħu sejrin, iżda wara ftit reġgħu waqqfuhom u niżżluhom mill-vettura. Saret tfittxija fil-vettura, fejn ma nstab xejn u mbagħad ittieħdu ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Tgħid illi l-vettura kienet tagħha, iżda kienet qed tiġi misjuqa mill-imputat. Dak il-ħin la hi u lanqas l-imputat ma talbu spejegazzjoni għaliex kienet qed issir it-tfittxija u għaliex ittieħdu ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u ma kinitx taf għalfejn. Spjegat illi meta ġew imwaqqfa kienet fi triqtha sabiex iġġib il-*puffs* għat-tifel tagħhom li jbati bl-*asthma*. Saħqet li ma tafx għaliex ġew imwaqqfa. Żiedet tgħid li ma tteħditilhiex stqarrija u wara li ttieħdet il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulzija ġiet rilaxxjata u rritornat lura d-dar.[14]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, l-imputat irrilaxxja stqarrija fid-19 ta' Awissu 2005. F'dan il-każ, stante li l-istess imputat ma wieġeb kważi għall-ebda domanda fl-istess stqarrija, ħlief għall-ewwel domanda dwar jekk kienx jaħdem u għat-tieni waħda, dwar jekk kellux xi laqam, kif wara kollox kellu kull dritt li jagħmel, il-Qorti ma tqisx illi huwa neċessarju li tidħol fil-kwistjoni tal-ammissibilita` o meno tal-istqarrija tiegħu a bażi tal-fatt illi fiż-żmien in kwistjoni huwa ma ngħatax il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u li jkun assistit waqt l-istess interrogatorju.

[13] A fol. 81 u 82 tal-proċess.
[14] Ara din ix-xhieda a fol. 87 sa 93 tal-proċess.

Illi jirriżulta mill-atti proċesswali illi ċ-ċirkostanzi li taw lok għall-proċeduri odjerni kienu illi waqt *road block* ġewwa San Ġiljan nhar it-13 ta' Awwissu 2005, xufier ta' vettura, ossia l-imputat odjern, allegatament intlemaħ jarmi oġġett barra mit-tieqa, liema oġġett sussegwentement irriżulta illi kien borża tal-plastik li kienet tikkontjeni sitt boroż żgħar tal-plastik bi trab abjad fihom. Mir-relazzjoni tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud, jirriżulta illi dan it-trab kien droga kokaina.

Illi permezz tal-proċeduri odjerni, l-imputat ġie akkużat bir-reat ta' pussess aggravat tad-droga kokaina.

Illi fl-ewwel lok, jeħtieġ illi l-Qorti tiddeċiedi jekk jirriżultax sodisfaċentement ippruvat illi l-imputat kien fil-pussess tal-istess droga u fit-tieni lok, kemm il-darba dan jirriżulta, jekk hemmx il-prova fil-grad rikjest mil-liġi, illi tali pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-istess imputat u għalhekk, kien aggravat.

Illi jibda biex jingħad illi l-Qorti m'għandhiex dubju illi kien proprju l-imputat odjern illi rema l-borża li sussegwentement inġabret mit-triq minn Gunner 86083 u li fiha kien hemm boroż żgħar bid-droga kokaina. Jirriżulta illi huwa kien qiegħed f'posizzjoni minn fejn seta' jara l-vetturi resqin l-isfel, illi kien attent għal kwalunkwe moviment li seta' kien hemm fl-istess vetturi u illi huwa ra lill-imputat jarmi xi ħaġa mit-tieqa tal-vettura misjuqa minnu. Jirriżulta wkoll illi immedjatament u fil-waqt illi żamm għajnejh fuq l-oġġett mormi, huwa ġabar tali oġġett min-nofs tat-triq u għaddih lill-Maġġur Ruġġier, li da parti tiegħu jgħid illi dan kien jikkonsisti f'borża li kien fiha sitt boroż żgħar bi trab abjad. Il-Maġġur Ruġġier jikkonferma wkoll illi Gunner 86083 kien informah immedjatament b'dak li kien osserva u fil-fatt l-istess Maġġur jiddeskrivi kif ġiet imwaqqfa il-vettura tal-imputat u kif l-istess Gunner 86083 minnufih għaddielu l-borża li ġiet elevata minnu dak il-ħin stess.

Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk, il-Qorti tqis illi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat kien jinsab fil-pussess tad-droga kokaina.

Jifdal għalhekk illi l-Qorti tikkunsidra jekk jirriżultax ippruvat o meno illi tali pussess kien wieħed aggravat, fit-termini tal-ewwel imputazzjoni.

Kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Marius Magri</u>**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza għall-uzu*

*personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx għall-uzu esklussiv (jigifieri għall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."* U kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx għall-uzu esklussiv tal-hati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli*".

Illi kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

" *... l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101.*"

U kif ingħad minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Abela**, tat-8 ta' April 2005, mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar ir-reat ta' pussess aggravat, wieħed jista' jasal għall-konklużjoni illi meta tinstab droga f'ammont konsiderevoli, jekk tingħata raġuni għall-presenza qawwija tad-droga li tkun tissodisfa lill-Qorti, allura r-reat ta' pussess aggravat ma jkunx ġie ippruvat.

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence Fabri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' April 2017 fejn ingħad hekk:

*"Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta' dritt li jressaq 'il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe' il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq "**possession with intent to supply**", bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il-pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta' l-ispacc. Illi ghalhekk ghalkemm kif inghad, hemm din id-distinzjoni fina bejn il-legislazzjoni taghna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar l-inferenza li tista' issir mill-gudikant. Madanakollu jerga' jigi ribadit illi l-prova fil-ligi ingliza hija wahda iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid necessarjament tipprova l-intenzjoni ta' l- ispacc kuntrarjament ghal-ligi taghna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Dan huwa indikat b'mod car fis-sentenza il-Pulizija vs Jason Mallia li din il-Qorti ser taghmel referenza ghaliha meta hemm imghallem superjorment:*

***"Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il- pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha."***

*Illi maghmula din id-distinzjoni xorta wahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk:*

*"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*

*• Possession of a quantity inconsistent with personal use.*

*• Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*

*• Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*

*• Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*

*• Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*

*• Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*

*• Money found on the defendant was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*

*• Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.*

*• Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case."*

*Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illict Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:*

*"Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article* ***may be inferred from objective factual circumstances****."*

*Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita` jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma ic-cirksotanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista' issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-*

*pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont, kwalita` jew kwantita` ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita.*"

Illi mit-trattazzjoni finali jirriżulta illi sabiex issostni t-teżi tagħha, il-Prosekuzzjoni qed tistrieħ fuq il-fatt illi fil-pussess tal-imputat instabu sitt boroż bid-droga kokaina, b'piż ta' kważi nofs gramma f'kull borża, li l-vettura twaqqfet ftit il-bogħod minn Paceville u kien ġej il-*weekend*, kif ukoll illi l-imputat kien reċidiv u kellu fedina penali refrattarja.

Jibda biex jingħad illi verament l-imputat kien preċedentement instab ħati u skonta sentenza ta' għaxar snin priġunerija proprju in konnessjoni ma' traffikar ta' droga kokaina u in oltre wara dan il-każ, jidher li nstab ħati wkoll barra minn Malta, talli importa d-droga, iżda fil-waqt illi dan jiġi meqjus mill-Qorti għal fini ta' piena fil-każ ta' ħtija, dan ma jistax jissarraf fi prova fil-mertu dwar il-ħtija o meno tal-imputat fil-każ odjern. Il-Qorti tħares biss lejn iċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha f'dan il-każ u ma tistax tiddeżumi illi la darba l-imputat qabel instab ħati tar-reat ta' traffikar tal-istess droga li nstabet fil-pussess tiegħu, allura l-pussess fil-każ odjern kien neċessarjament wieħed aggravat. Il-Qorti tqis ukoll illi verament illi l-imputat kien viċin Paceville dak il-ħin, iżda fil-fatt twaqqaf San Ġiljan u ma tirriżulta l-ebda prova fl-atti li turi fejn kien sejjer l-istess imputat, salv għax-xhieda ta' omm uliedu li tgħid illi kienu sejrin jiġbru l-*inhalers* għal binhom u li tali *inhalers* jew inkella t-tifel – għax ix-xhieda mhijiex ċara f'dan ir-rigward – kien jew kienu jinsabu għand l-imputat. Għalkemm f'partijiet minnha, ix-xhieda ta' Alexia Debono m'hijiex kredibbli u dan meta tgħid illi ma nstab xejn u illi ma tafx għalfejn hi u l-imputat ġew arrestati, madankollu, m'hemm l-ebda prova li tikkontradiċi fejn kienu sejrin l-imputat u Debono dak il-ħin, jew inkella, jekk dan ma kienx minnu, li turi fejn kienu sejrin verament.

Illi l-Qorti tqis ukoll illi l-piż tat-trab in kwistjoni f'dan il-każ ossia piż ta' 3.444 grammi, ma kienx xi piż kbir jew tali li wieħed normalment ma jassoċjahx ma' użu personali. Verament illi l-mod kif kienu maqsuma ħamsa mis-sitt boroż fil-pussess tal-imputat ossia b'piż identiku f'żewġ boroż u l-bqija piżijiet tassew simili jissarraf f'suspett serju illi din id-droga kienet intiża sabiex tiġi spaċċjata u veru wkoll illi l-imputat kien jinsab barra b'din id-droga, iżda fin-nuqqas ta' kwalsiasi ċirkostanza oħra, il-Qorti ma tqisx illi tista' tikkonkludi fil-grad rikjest mil-liġi, illi l-pussess ta' tali droga kien wieħed aggravat.

Huwa minnu wkoll illi lanqas ma tirriżulta prova fl-atti illi fiż-żmien in kwistjoni, l-imputat kien jagħmel użu mid-droga. L-unika prova li forsi minnha wieħed

jista' jislet din il-konklużjoni hija s-sejba tal-*foil* taħt it-tapit tas-*seat* tax-xufier u dan stante illi huwa risaput illi l-*foil* jintuża fl-użu tad-droga. Minkejja dan, madankollu, il-Qorti tqis illi abbażi tal-prinċipju illi d-dubju għandu jmur dejjem favur l-imputat, tali dubju għandu jxaqleb favur ir-reat l-inqas u mhux l-iżjed gravi u għaldaqstant, il-Qorti ser issib lill-imputat ħati tal-pussess 'sempliċi' u mhux aggravat tad-droga kokaina, liema reat huwa kompriż u nvolut fir-reat ta' pussess aggravat li bih jinsab mixli l-imputat odjern.

Għaldaqstant, fil-waqt illi tqis illi l-ewwel imputazzjoni kif dedotta ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata, tqis ukoll illi jirriżulta pruvat ir-reat tal-pussess tad-droga kokaina.

Hawnhekk irid jingħad ukoll illi x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni jirreferu, xi wħud, għat-13 ta' Awwissu 2005 u oħrajn għas-26 ta' Awwissu 2005 bħala d-data li fiha seħħ il-każ odjern. L-Uffiċjal Prosekutur jirreferi għal-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Awwissu 2005, Gunner 86083 jirreferi għat-13 ta' Awwissu 2005 u l-Maġġur Ruġġier ukoll jirreferi għal din id-data, għalkemm ma jindikax is-sena. Da parti tagħhom, SM 45 Marisa Bartolo u PS 524 Paul Cassar jirreferu għas-26 ta' Awwissu 2005. Il-Qorti madankollu m'għandhiex dubju illi l-każ seħħ fit-13 ta' Awwissu 2005 u mhux fis-26 ta' Awwissu 2005 u dan anke fid-dawl tat-*tag* li tinsab mal-esebit, illi wkoll tirreferi għat-13 ta' Awwissu 2005 u in oltre stante illi l-istqarrija tal-imputat ittieħdet nhar id-19 ta' Awwissu 2005, isegwi li l-każ ma setax seħħ fis-26 ta' Awwissu 2005. In oltre għalkemm erronjament l-imputazzjoni kif dedotta tirreferi għas-26 ta' Awwissu 2005, madankollu tirreferi wkoll għas-snin ta' qabel u għaldaqstant, il-Qorti tqis illi fi kwalunkwe każ tkopri d-data tal-każ.

Finalment, l-imputat jinsab akkużat ukoll bl-addebitu tar-reċidiva u dan fid-dawl ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-15 ta' April 1999. Il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja tas-sentenza fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony sive Twanny Tanti, Lilian Tanti u Kevin Tanti' tal-istess data u s-Supretendent Neil Harrison xehed illi l-istess sentenza ngħatat proprju fil-konfront tal-imputat odjern. Permezz tal-istess sentenza, l-imputat ġie kkundannat għal piena ta' għaxar snin priġunerija effettiva u multa, konvertibbli f'sitt xhur priġunerija. Għaldaqstant, jirriżulta illi l-imputat huwa reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għal fini ta' piena, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok il-fedina penali aġġornata tal-imputat odjern, liema fedina penali tinkludi kundanni dwar reat kontravvenzjonali, traffikar ta' droga kokaina, reati taħt il-Kap. 65 tal-Liġijiet ta'

Malta, ħsara involontarja, frodi, dikjarazzjoni falza u importazzjoni u pussess tad-droga.

Il-Qorti qed tqis ukoll in-natura tal-imputazzjoni li tagħha qed jinstab ħati l-imputat, kif ukoll l-ammont ta' droga in kwistjoni.

In oltre tqis ukoll illi għalkemm din il-kawża tirrisali għas-sena 2005, fil-maġġor parti tiegħu, id-dewmien kien imputabbli lill-imputat odjern jew lid-difiża.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 (preċedentement ir-Regolament 8) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, kif ukoll l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni (a) kif dedotta kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnha, iżda qed issibu ħati minflok tal-pussess 'sempliċi' tad-droga kokaina u dan b'referenza għat-13 ta' Awwissu 2005, kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva u tikkundannah għall-piena ta' multa ta' disa' mitt ewro (€900).

Stante illi dan il-każ seħħ fit-13 ta' Awwissu 2005 u għaldaqstant qabel id-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 4 tal-Att XIII tas-sena 2005 li permezz tiegħu ġie emendat l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 u dan fis-sens illi ai termini tal-istess emendi, ma baqgħetx il-ħtieġa illi l-Prosekuzzjoni titlob illi l-ħati jiġi kkundannat għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti u stante wkoll illi f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni m'għamlitx din it-talba, il-Qorti mhijiex qed tikkundanna lill-ħati għal tali ħlas.

Tordna d-distuzzjoni tad-droga esebita bħala Dok. DT1 hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi inserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Dr. Natasha Galea Sciberras
Maġistrat